IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

16 ta' Ottubru 2013

113/2013

**STQARRIJA TAL-ISQFIJIET MALTIN**
**DWAR L-ABBOZZ TA' LIĠI LI JIRREGOLA L-UNJONIJIET ĊIVILI**

Peress li l-Parlament ta' pajjiżna ser jibda jiddiskuti l-Abbozz tal-liġi li jirregola l-Unjonijiet Ċivili, konxji mid-dmir tagħna li nwasslu l-Bxara t-Tajba, konvinti li kif jgħid il-Papa Franġisku, il-fidi "mhux biss tagħti qawwa interjuri lil min jemmen; imma ddawwal kull relazzjoni umana għaliex hija frott l-imħabba u tirrifletti l-istess imħabba t'Alla",[1] aħna l-Isqfijiet nixtiequ noffru din ir-riflessjoni.

Għalkemm l-Abbozz qed jintroduċi diversi elementi ġodda f'dak li għandu x'jaqsam maż-żwieġ u l-familja, liema elementi jitolbu riflessjoni profonda u mingħajr għaġġla, jidher li novità partikulari ta' dan l-Abbozz hija r-reġistrazzjoni ta' sħubija bħala unjoni ċivili bejn żewġ persuni tal-istess sess.

Qabelxejn tajjeb li nżommu quddiem għajnejna li permezz ta' dan l-Abbozz qegħdin niddiskutu dwar persuni u l-ħajja tagħhom. Għalhekk biex din id-diskussjoni tkun matura trid tirrifletti rispett kbir lejn dawn il-persuni. Kif fakkar il-Papa Franġisku, "Alla jakkumpanja lil dawk il-persuni (li għandhom orjentament omosesswali) u aħna għandna nakkumpanjawhom billi nitilqu mis-sitwazzjoni tagħhom".[2]

Fuq l-eżempju tal-Papa Franġisku, mhux il-ħsieb tagħna li ntennu "it-tagħlim tal-Knisja" fuq dan is-suġġett li huwa tagħlim "ċar".[3] Aħna nħeġġu lil dawk kollha impenjati fil-formazzjoni Nisranija u fil-katekeżi biex jissuktaw jipproponu dak li tgħallem il-Knisja dwar dan is-suġġett.

Aħna għandna fiduċja li d-Deputati Parlamentari tagħna ser jagħmlu ħilithom biex waqt li jiddiskutu dan l-Abbozz, huma juru rispett kbir lejn il-persuni kollha involuti filwaqt li jżommu quddiem għajnejhom il-ġid komuni.

Skont l-Abbozz "l-imsieħba f'unjoni ċivili" ser ikollhom id-dritt li jadottaw. Fil-fehma tagħna dan huwa suġġett delikat ħafna bħal kull ħaġa oħra li tolqot it-tfal u dak li huwa fl-aħjar interess tat-tfal. Peress li dwar dan is-suġġett hemm fehmiet kuntrastanti, fil-fehma tagħna, ikun għaqli jekk il-leġislatur jieħu ż-żmien tiegħu biex f'dan ir-rigward jagħmel għażliet tajbin. It-tfal preferibilment għandhom jirċievu t-trobbija mill-ġenituri tagħhom, raġel u mara.

Fuq kollox, nappellaw lill-Parlamentari tagħna biex ikomplu jieħdu miżuri li jsaħħu l-familja mibnija fuq iż-żwieġ bejn raġel u mara. Ikkunsidrat li l-familja magħmula f'dik l-għaqda tad-differenzi bejn raġel u mara "tibqa' l-bennejja primarja u ewlenija tas-soċjetà",[4] nagħmlu l-qalb lil dawk li huma konvinti minn din il-verità biex jibqgħu jgħożżu u juru stima lejn din l-istituzzjoni naturali.

✠ **MARIO GRECH**
Isqof ta' Għawdex
President tal-Konferenza Episkopali

✠ **PAWLU CREMONA O.P.**
Arċisqof ta' Malta

✠ **CHARLES J. SCICLUNA**
Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali ta' Malta

---

[1] Papa FRANĠISKU, Ittra Enċiklika *Lumen fidei* (29 ta' Ġunju 2013), 50.
[2] ID., *L-intervista ta' Antonio Spadaro SJ mal-Papa Franġisku*, fi *La Civiltà Cattolica* (19 ta' Settembru 2013).
[3] Cf *ibidem.*
[4] Cf ID., *Message of Pope Francis to participants in the 47th Social Week of Italian Catholics* (11 ta' Settembru 2013).